**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD  Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Kump.608/00***

***Pulizija***
***Sp. Alexander Paul Miruzzi***
***v***
***Reynold sive Ronald Grech***

Illum 19 ta' Frar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuzi***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Reynold Grech huma bazati fuq is-segwenti reati:

**Tentattiv ta' Offiza Volontarja gravi fuq il-persuna** (Art.216(1) tal-Kap.9;

**Offiza Involontarja ta' natura gravi fuq il-persuna** (Art.226 (1) Kap.9);

**Hsara Volontarja** (Art.325c Kap.9);

**Ksur tar-regolamenti kontenuti fl-Avviz Legali 94/1969**;

**Kontravvenzjonijiet** kontemplati fl-Artikolu 338 (e)(dd) Kap.9;

***Kwadru tal-fatti***

Illi l-process odjern origina minn incident li sehh fid-9 ta' Marzu 2000 bejn it-8.30 am. u 8.45 am. fi Triq Censu Bugeja meta l-imputat kien ghaddej bil-van tieghu jidher li dana laqat il-*pushchair* li dak il-hin kienet qeda tigi imbottatta minn Maria Somers. Din bdiet tghajjat mal-imputat fethet il-bieba tan-naha tal-passiggier tal-van u pprovat thebb ghall-imputat li dak il-hin kien fis-seat tas-sewwieq marbut bis-seatbelt. Fuq wara dana kellu lit-tifla tieghu b' tarbija maghha. L-imsemmija Maria Somers allegat li matul dan l-incident saqajha x-xellugija ntriffset mir-rota ta' quddiem tan-naha tal-passiggier. Allegat ukoll li sofriet hsara fil-pushchair u oggetti ohra.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migbura inkluzi l-versjonijiet konfliggenti taz-zewg partijiet u thoss opportun li tghamel is-segwenti osservazzjonmijiet:

***Offiza Volontarja ta' natura gravi fuq il-persuna*** – Illi in propositu ghal –l-ewwel akkuza, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta car daqs il-kristal li l-incident jaqa' fil-kamp tal-involontarju u l-azzjonijiet kollha tal-imputat ma jezorbitawx minn dan il-parametru legali. Fi kliem iehor, l-aspett intenzjonali tar-reat in disamina huwa manifestament mankanti. Mill-provi jirrizulta car li l-ferita li sofriet Maria Somers f' saqajha ma kienitx dovuta ghal xi intenzjoni da parti tal-imputat li jikkagunalha

ferita, izda kienet konsegwenza tas-sitwazzjoni li pprecipitat quddiemu, rizultat tal-atteggjament agressiv da parti tal-imsemmija Maria Somers.

***Offiza Involontarja ta' natura gravi fuq il-persuna*** *(Art.226 (1) Kap.9);* - Illi din l-ahhar asserzjoni ghandha rilevanza anki ghal din il-parti tal-akkuza. Skond il-versjoni ta' Maria Somers ir-rota ghafgitilha saqajha **qabel** ma dina fethet il-bieba tal-van tan-naha tal-passiggier u ghamlet ghall-imputat. Izda din il-vesjoni tinsab kontraddetta mid-deposizjonijiet tan-nies li kienu prezenti waqt l-incident u li gew prodotti bhala xhieda mill-prosekuzjoni.

Minn din il-parti tax-xhieda jirrizulta li meta l-van laqat il-*pushchair* Maria Somers dahhlet f' argument mal-imputat li precipita billi dina fethet il-bieba tal-van u pprovat taggredih. Ix-xhud Monic Micallef – li fil-hin tal-incident kienet **wara Maria Somers** - fuq dan l-aspett xehdet li Maria Somers dahlet ghalih u hi pprovat izzommha. **Sadanittant, skond l-istess xhud, l-imputat baqa' kwiet ghax kellu baby u mara wara**. Hija qalet li hi bdiet izzomm lil Somers meta dina kienet qed tipprova tidhol ghall-imputat. Sadanittant jidher li l-imputat beda jsuq u kien f' dan il-mument li lill Somers semghatha tghajjat minhabba saqajha. Din il-versjoni ta' Micallef hija konfacenti ma xhieda ohra tal-prosekuzjoni.

Illi f' dan ir-rigward il-Qorti tghamel is-segwenti osservazzjonijiet:
Illi mill-provi jidher li l-van tela fuq saqaj Maria Somers meta dina fethet il-bieba tal-van u pprovat taggredixxi lill-imputat. Tant li Monica Micallef li kienet warajha kellha tirrestringiha. Kien f' dan il-kuntest li l-van mexa u rifsilha saqajha. Il-Qorti hija tal-fehma li f' dawn ic-cirkostanzi ma tistax tattribwixxi l-ferita li garrbet Somers ghal-responsabilita' kriminali da parti tal-imputat. Huwa minnu li d-decizjoni

tal-imputat li jghaddi minn dik il-parti tat-triq meta kien ghad hemm hafna tfal u genituri barra l-iskola ma kienitx wahda ghaqlija; izda minn naha l-ohra huwa minnu li skond il-provi, accettati minn din il-Qorti, Maria Somers sofriet il-ferita f' saqajha rizultat tal-aggressjoni taghha fil-konfront tal-imputat. Li l-imputat pprova jghaddi minn dik il-parti tat-triq kontra s-sinjal tat-traffiku u meta kien ghad hemm hafna tfal, kien zball minn naha tieghu. Li dana laqat il-*pushchair* ta' Maria Somers kien incident li se mai kellu jirrispondi ghalih fil-parametri tal-ligi. **Izda l-ebda wiehed minn dawn in-nuqqasijiet ma ggustifika li Maria Somers tidhol ghalih u taggredih, bil-konsegwenza li dina poggiet saqajha that il-van tieghu u ghaffgitha r-rota**.

That dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li r-reat li qed jigi attribwit lill-imputat ma jikkonfigurax.

Illi di piu' jidher li hemm konflitt bejn it-tobba dwar in-natura tal-ferita li garrbet Maria Somers. Dan jikkrea dubbju li ghandu jmur favur l-imputat in omagg ghall-principju *"in dubbio pro reo".*

***Hsara Volontarja*** *(Art.325c Kap.9)* - Illi mill-provi jirrizulta car li l-azzjoni da parti tal-imputat li rrizultat billi saret hsara fil-*pushchair* ta'Maria Somers ma kienitx wahda volontarja; u ghalhekk dan ir-reat ma jistax jikkonfigura minhabba karenza tal-element intenzjonali tar-reat.

***Kontravvenzjonijiet*** *kontemplati fl-Artikolu 338 (e)(dd) Kap.9 –* Anki din il-parti tal-akkuza ma treggix. Mill-provi ma jirrizultax li l-imputat hedded jew ingurja lil Maria Somers. Kif ukoll lanqas irrizulta li kiser il-buon ordni u l-paci pubblika. Anzi kien hu l-vittma tal-ghajjat u agir aggressiv dan parti ta' Somers.

***Ksur tar-regolamenti kontenuti fl-Avviz Legali 94/1969*** - Illi mill-kumpless tal-provi jirrizulta sodisfacentement li l-imputat dahal fit-triq in kwistjoni kontra s-sinjal tal *'one way'*; u ghalhekk din il-kontravvenzjoni tissussiti.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza bazata fuq l-kontravvenzjoni indikata fil-paragrafu precedenti u wara li rat l-Avviz Legali 94/69 tikkundannah ghall-piena ta' ghaxar liri maltin ammenda (LM10). Ma ssibux hati tal-kumplament tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u tilliberah minnhom.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***